MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 258/2006

**Fogg Insurance Agencies Limited (C – 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited**

**vs**

**Charles Pace**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut illi prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-Ligi, ghall-hlas lis-socjeta' attrici tas-somma ta' elfejn, mija u erbghin lira Maltin u hmistax-il centezmi (Lm2,140.15), ammont rapprezentanti d-danni sofferti mit-terzi nvoluti fl-incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta' Mejju 2004 ghall-habta tad-9.30pm gewwa Rue D'Argens, Msida, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBF 095 misjuqa mill-konvenut u minnu assikurata mas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BEN 311

misjuqa minn certu Benjamin Harmersen u assikurata ma' GasanMamo Insurance Limited. Dawn l-ammonti ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta' attrici ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, billi rrizulta fil-kors ta' proceduri fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg [M228/2005] fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limited noe et vs Charles Pace deciza fit-3 ta' Mejju, 2006 illi l-konvenut kien unikament jahti ghall-imsemmi ncident u kien xurban fil-hin ta' l-istess, b'mod illi jinvalida l-kopertura tal-polza ta' assikurazzjoni mahruga fil-konfront tieghu mis-socjeta' attrici u jintitolha illi tirkupra l-ispejjez kollha minnha sofferti skond il-Ligi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru 2004 u ta' l-4 ta' Ottubru 2005 u tal-Mandati Kawtelatorji illi gew ipprezentat kontestwalment mar-rikors u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru 2004 u 4 ta' Otturbru 2005, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet lill-konvenut fehjn ammetta t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------